MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2006

Numru 1066/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Hersey)**
**(Spettur Marisa Camilleri)**

**Vs**

**Brian Chetcuti bin Angelo u Mary Anne nee' Micallef mwieled Pieta fit-23 ta' Awissu,1980 u residenti Flat 1, Block E,Triq Xemxija, Marsa.**
**ID 394480 (M).**

**U**

**Joseph Chetcuti bin Angelo u Mary Anne nee' Micallef mwieled Pieta' fis-16 ta' Awissu, u residenti Flat 7, Block F, Triq il-Jum, Marsa.**
**ID 448582 (M)**

**ILLUM IT-TLIETA 10 TA' OTTUBRU, 2006.**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi dedotti kontra Brian u Joseph Chetcuti talli fid-9 ta' Ottubru, 2006, ghall-habta ta' 4.30 pm gewwa Hal Qormi:

1. Ingurjaw, heddu u ghamlu offiza ta' natura hafifa skond kif iccertifika t-tabib Michael Spiteri M.D. ta' l-Isptar San Luqa fuq il-persuna ta' membru tal-Korp tal-Pulizija li hu PS 1113 Aquilina Emanuel liema membru tal-Korp tal-Pulizija huwa nkarigat skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, bil-hsieb li jbezzuh jew li jinfluwixxu fuqu kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
2. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiex vjolenza pubblika kontra l-istess membru tal-Korp indikati aktar il-fuq, waqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew t'ordni moghti skond il-Ligi minn awtorita' kompetenti;
3. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi qalu kliem oxen u dagha fil-pubbliku;
4. Joseph Chetcuti wahdu fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi cioe' fi Triq il-Mithna, Qormi saq vettura FAW 503 minghajr ma kien liebes is-*seat belt*;
5. Brian Chetcuti wahdu fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi cioe' fi Triq il-Mithna, Qormi ddeposita jew rema' fliexkun tal-hgieg f'post pubbliku. U aktar talli m'ghobdix ordnijiet leggittimi moghtija mill-istess PS 1113 Emanuel Aquilina;
6. Brian Chetcuti wahdu sar recediv b'sentenza tal-Qorti li naghtat fit-12 ta' Gunju, 2003, mill-Magistrat Antonio Mizzi LL.D.

Il-Qorti gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija, jekk jidrilha xieraq u biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-Pulizija msemmi aktar il-fuq, flimkien mal-piena, turbot lil Chetcuti Brian u lil Chetcuti Joseph b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali

ta’ somma ta’ flus u dan skond kif hemm indikat fl-artikolu 383 tal-Kap. 9.

Rat illi l-Prosekuzzjoni esebit il-kunsens sabiex din il-kawza tista’ tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bi procedura sommarja;

Rat illi l-imputati assistiti mid-difensur taghhom ma sabu ebda oggezzjoni li din il-Qorti tghaddi biex tiddeciedi l-kawza taghhom bi procedura sommarja;

Rat illi l-imputati f’din is-seduta stess irregistraw ammissjoni, anke wara l-Qorti taghthom zmien bizzejjed biex jirriflettu fuq il-konsegwenzi ta’ tali ammissjoni;

Ghaldaqstant il-Qorti ha tghaddi ghas-sentenza u fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja ta’ l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom u wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u ssib illi l-piena karcerarja mhiex idonea ghall-kaz in kwistjoni, b’applikazzjoni ukoll ta’ l-artikolu 21 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, qieghda tikkundanna lil Brian Chetcuti ghall-multa fis-somma ta’ mija u ghoxrin lira Maltin (Lm120), wara li hadet ukoll konsiderazzjoni ta’ l-akkuza ammessa li huwa recidiv; u fil-konfront ta’ Joseph Chetcuti, il-Qorti qieghda tikkundannah fuq l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu l-multa ta’ mitt lira Maltin (Lm100) u wara li hadet ukoll konsiderazzjoni ta’ l-Artikolu 383 tal-Kap. 9 qieghda torbot lill-imputati b’garanzija taghhom infushom u taht penali ta’ mitt lira Maltin (lm100) kull wiehed li ghal zmien sena (1) mil-lum b’ebda mod ma javvicinaw jew jimmolestaw lill-PS 1113 Emanuel Aquilina.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------